MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2007

Mandat Numru. 115/2007/1

**Mary Doris Cassar**

**vs**

**John Wayne Cassar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-Art. 873 tal-Kap tal-Ligijiet ta` Malta.

*"(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga lit kun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet".*

Ikkunsidrat illi m`huwiex kontestat li l-vettura AAM871 tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Ghalhekk, ir-rikorrenti ssodisfat lil din il-Qorti li *prima facie* ghandha l-jedd fuqha li tghid li ghandha.

Ikkunsidrat ukoll li l-komunjoni tal-akkwisti ghada tezisti bejn il-partijiet, ghalkemm ghaddejjin proceduri ghas-separazzjoni gudizzjarja.

Ghaldaqstant jista` ikun ta` pregudizzju ghall-istess rikorrenti jekk il-vettura tinbiegh minghajr il-kunsens taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa` t-talba kif dedotta fir-rikors.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------